**Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi – Sommarju tar-Rapport Annwali 2021**

Matul is-sena 2021, it-Taqsima:

- Ikkoordinat il-preparazzjoni, irrevediet u ssottomettiet lill-Kummissjoni Ewropea erba' rapporti tekniċi dwar l-implementazzjoni tad-derogi f'Malta, u r-riżultat finali ta' programmi ta' moniteraġġ u rapporti oħra obbligatorji. Kull rapport obbligatorju tlesta fi żmien stipulat.
- Ipprovdiet kontribut tekniku u dak relatat mal-policy dwar l-implementazzjoni ta' numru ta' proċessi regolatorji Ewropej u internazzjonali li jikkonċernaw il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi li jinkludu:
    1. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tuneż (Pjan Strateġiku ta' Ruma) kontra l-qtil, teħid u kummerċ illegali tal-għasafar selvaġġi li jaqa' taħt il-*Bern Convention*;
    2. Il-programm ta' ħidma tas-*CMS Mediterranean Task Force* kontra l-qtil illegali tal-għasafar selvaġġi;
    3. Ħidma fuq temi internazzjonali ambjentali (*WPIEI Biodiversity*);
    4. Network tal-Unjoni Ewropea dwar l-implementazzjoni u l-infurzar tal-liġi dwar l-ambjent (*IMPEL*);
    5. Direttiva dwar il-Qafas Regolatorju tal-Istrateġija Marittima;
    6. Il-*Barcelona Convention*.
- Irrappreżentat lil Malta f'numru ta' laqgħat u workshops.
- Ikkordinat l-abbozz, il-formulazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' sebgħa strumenti legali: A.L. 134/2021, A.L. 163/2021, A.L. 218/2021, A.L. 341/2021, A.L. 394/2021, A.L. 395/2021, A.L. 396/2021.
- Ipprovdiet assessjar kontinwu u pariri rigward policies governattivi, programmi, proġetti u pjanijiet li jistgħu jħallu impatt fuq il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.
- Ppreparat ir-risposti dwar l-*infringements* 2020/2345 u 2020/2346 tal-Kummissjoni Ewropea.
- Ikkoordinat u ħarġet sejħa għall-offerti għall:
    - Kollezzjoni ta' dejta primarja u sekondarja dwar l-ispeċi ta' għasafar li jbejtu u jqattgħu x-xitwa ġewwa Malta, li jwassal għall-kumpilazzjoni tar-rapport taħt Artiklu 12 tad-Direttiva tal-Għasafar għall-perjodu ta' bejn is-sena 2019 u 2024, u l-*Malta Breeding Bird Atlas* (2024);
    - Studju xjentifiku indipendenti dwar il-passa tas-Summien, il-Gamiem, il-Pluviera u l-Malvizz u s-seba' speċi tal-għasafar tal-għana matul il-ħarifa tal-2021;
    - Studju xjentifiku indipendenti dwar il-passa tas-Summien u l-Gamiem fir-rebbiegħa tal-2021;
    - Kiri ta' spazju għall-uffiċini tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.
- Amministrat is-sistema ta' liċenzjar ġenerali għal ħames kategoriji ta' liċenzji.

- Ikkoordinat il-proċess ta' tiġdid tal-liċenzji ġenerali tal-kaċċa u l-insib u x-xogħol amministrattiv relatat miegħu.
- Ikkoordinat l-amministrazzjoni tal-liċenzji speċjali għall-kaċċa fir-rebbiegħa, għad-deroga tal-insib għall-Malvizz u l-Pluviera u għad-deroga li ppermettiet perjodu ta' riċerka fuq seba' speċi tal-għasafar tal-għana sabiex tiġi stabbilita l-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta, inkluż plottjar fuq il-GIS tal-imnasab reġistrati li ġew sottomessi mal-applikazzjonijiet, inkluż ukoll il-pubblikazzjoni tal-*coordinates* tagħhom fuq is-sit elettroniku tat-Taqsima, skont kif mitlub fil-Qafas Regolatorju L.S.549.74 u L.S.549.145.
- Osservat il-konformità ta' *bird ringers* liċenzjati u kkoordinat it-tiġdid ta' 25 liċenzja ta' *bird ringers* b'perjodu ta' sentejn validità (sa Diċembru 2022).
- Osservat il-konformità ta' tmien balzmaturi tal-għasafar li ngħatatilhom il-liċenzja tal-ibbalzmar fis-sena 2019 u 2020 valida għal tlett snin.
- Wettqet tnax-il kors ta' preparazzjoni obbligatorja għall-kaċċaturi prospettivi u disa' sessjonijiet ta' eżamijiet tal-kaċċa (f'Malta u Għawdex) f'konformità mal-linji gwida fuq distanza soċjali fir-rigward tal-pandemija Covid19.
- Wettqet sessjoni ta' eżamijiet tal-falkunerija (li inkludiet eżami prattiku u ieħor bil-miktub) f'Malta, hekk kif stabbilit fis-sena 2016 permezz tal-L.S.549.106.
- Wettqet sessjonijiet ta' taħriġ kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex lil aktar minn sittin uffiċjal tal-pulizija li huma involuti fl-infurzar tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.
- Kompliet twettaq il-proċedura li titratta l-kura ta' tajr ferut b'servizzi speċjalizzati minn klinika tal-veterinarju mqabbda mill-Gvern. Taħt din il-proċedura, it-Taqsima kkoordinat u ssorveljat il-kura, trattament u riabilitazzjoni ta' 563 għasfur li jappartjenu għal 98 speċi differenti.
- Implimentat żewġ studji xjentifiċi fuq il-passa tal-Gamiema u s-Summiena fir-rebbiegħa u l-ħarifa, u studju ieħor separat li jikkonċerna l-passa tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana, tal-Pluviera u l-Malvizz fil-ħarifa.
- Assigurat id-diġitalizazzjoni ta' 1,382 mansab abbinat mal-istaġun tal-insib għall-Pluviera u l-Malvizz u 2,251 mansab abbinat mad-deroga għar-riċerka fuq l-għasafar tal-għana fuq il-GIS għal fini ta' infurzar.
- Immonitorjat is-sistema elettronika ta' rappurtar tal-qbid tal-għasafar kemm matul l-istaġun tal-kaċċa, kif ukoll matul l-istaġun tal-insib.
- Kompliet tavvanza is-sistema telefonika tar-rappurtar tal-qbid tal-għasafar permezz ta' funzjoni ġdida li tippermetti l-ġbir ta' informazzjoni relatata mal-*hunting u trapping effort,* kif ukoll nediet *mobile app* ġdida għar-rappurtar ta' speċi maqbuda li tikkumplimenta s-sistema telefonika eżistenti.
- Ippreparat evalwazzjoni xjentifika fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-Gamiema, is-Summiena, il-Pluviera u l-Malvizz.

- Kompliet tipprovdi assistenza teknika lill-pulizija u entitajiet oħra fil-qasam tal-infurzar.
- Wettqet għaxar spezzjonijiet ġo residenzi privati fejn ġew eżaminati 1,676 eżemplar ta' għasafar ibbalzmati u ttieħdu passi legali minħabba ksur tar-regolamenti.
- Wettqet ħdax-il spezzjoni ġo positijiet privati fejn ġew eżaminati 807 eżemplar ta' għasafar ħajjin u ttieħdu passi legali minħabba ksur tar-regolamenti.
- Uffiċjali tat-Taqsima attendew u xehdu waqt diversi seduti tal-Qorti.
- Ikkordinat il-kumpilazzjoni tas-sistema tar-reġistrazzjonijiet tal-għasafar ibbalzmati taħt l-iskemi tal-1998/99 u l-2003.
- Ikkoordinat proċeduri ta' infurzar mal-uffiċjali tad-dwana u entitajiet oħra.
- Kompliet tħaddem is-sistema tal-multi administrattivi. Assigurat il-ħruġ u l-proċessar ta' multi administrattivi varji lil 108 persuna.
- Ikkordinat mal-Pulizija Eżekuttiva għaż-żamma tal-istatistika relatata mal-infurzar u għal fini ta' rappurtaġġ.